# Il-Ħadd 22.12.2019

1. Illum 22/12, **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-tberik tal-Bambini u l-Presepji.
   - Bejn l-10:00am u 12:00pm, l-Isqfijiet Maltin ser ikunu l-Kurja fil-Floriana biex jilqgħu lil kulmin jixtieq jagħtihom l-awguri għal dawn il-festi.
   - Filgħaxija - L-animazzjoni tkun mill-Kappillan.
2. It-Tnejn 23/12: L-animazzjoni tan-Novena tkun mis-Sorijiet Dumnikani u l-Kunsill Pastorali.
3. It-Tlieta 24/12, **Lejliet il-Milied**:
   - Fil-5:00pm tiftaħ il-knisja u jkollna l-Qrar, u fis-6:30pm quddiesa.
   - Fil-6:00pm tibda l-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin għat-tfal kollha organizzata mill-membri tal-MUSEUM li tispiċċa fil-knisja parrokkjali stess fejn issir reċta u kant etċ.
   - Fl-10:30pm tiftaħ il-knisja u fil-11:00pm jibda programm varjat b'reċta u l-priedka tat-tifel, li jwassluna biex f'nofs il-lejl tibda l-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied animata mill-Kor '*Sine Macula*'. Inħeġġu lit-tfal biex jiġu lebsin l-abjad u jġibu l-qniepen.
4. L-Erbgħa 25/12, **Jum il-Milied**:
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.
   - Fil-Kurja tal-Arċisqof, bejn l-10:00am u s-2:00pm, l-istaff u l-voluntiera tal-Caritas-Malta ser jippreparaw ikla għal dawk li jħossuhom waħedhom u jixtiequ ftit kumpanija f'dal-jum speċjali.
5. Il-Ġimgħa 27/12:
   - Fit-8:00pm - Mument ta' Talb u *Get Together* għall-*Helpers* biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-Ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa, fil-Museum tas-Subien.
6. Ħadd 29/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
   - Mill-10:00am 'il quddiem - Festa Familja fil-Pjazza organizzata mill-Kunsill Lokali u r-Reġjun tan-Nofsinhar, fejn fost diversi stands u attivitajiet, il-Banda 'San Pawl' tferraħna bid-daqq ta' diversi carols tal-Milied, dejjem jekk l-ajru jippermetti. Għalhekk il-pjazza tkun magħluqa għat-traffiku, inkluż it-trasport pubbliku, sakemm tintemm l-attività.
7. It-Tlieta 31/12 :
   - Mill-5:00pm 'il quddiem - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa animata mill-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, u tintemm bil-Barka Sagramentali. Il-Ġabra tmur għad-Dar tal-Providenza u fl-ewwel tas-sena nippreżentawha waqt l-Open Day.
8. L-Erbgħa 1/01/20, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**.
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.
9. Is-Sibt 4/01/20:
   - Mis-7:30pm sat-8:30pm, il-Parroċċa tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali jistednukom għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Kor 'Sine Macula', in-'Novum Ensemble', u s-Safi Drama Group.
10. Avviżi oħra:
    - Mod konkret ta' kif nagħtu rigal li tassew jiswa ħafna hu billi nagħtu d-demm. Għal min jixtieq jagħti dan ir-rigal, illum, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikun hemm l-Mobile Blood Donation Unit quddiem il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.
11. Avviżi tal-Kunsill Lokali:
    - Il-Ġimgħa 27/12: Mill-10:00am sa' 12:00pm - Party tal-Milied għat-tfal fis-Sala Pietru Pawl Busuttil. Biljetti mill-Uffiċċju tal-istess Kunsill.
12. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 420 mill-Lotterija u l-bejgħ ta' ponsjetti;
    - € 285 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;
    - € 210 bħala donazzjoni b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr;
    - € 10 bħala donazzjonijiet b'risq t-terremotati tal-Albanija. Grazzi.